



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 120/21
il-Lussemburgu, 7 ta' Lulju 2021

Sentenza fil-Kawża T-668/19
Ardagh Metal Beverage Holdings vs EUIPO

Il-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni, għall-ewwel darba, fuq ir-reġistrazzjoni ta' trade mark ta' ħoss ippreżentata f'format awdjo

Fajl awdjo li jinkludi l-ħoss li jiġi prodott mal-ftuħ ta' landa tax-xorb, segwit minn silenzju u minn tffexfix, ma jistax jiġi rreġistrat bħala trade mark għal xarbiet differenti u għal kontenituri għat-trasport u għall-ippakkjar tal-metall, sa fejn ma jkollux karattru distintiv

Ardagh Metal Beverage Holdings GmbH & Co. KG ippreżentat applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal ta' ħoss bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea quddiem l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO). Dan is-sinjal, ippreżentat permezz ta' fajl awdjo, ifakkar il-ħoss li jiġi prodott mal-ftuħ ta' landa tax-xorb, segwit minn silenzju ta' madwar sekonda u minn tffexfix ta' madwar disa' sekondi. Ir-reġistrazzjoni ntalbet għal diversi xarbiet kif ukoll għal kontenituri għat-trasport u għall-ippakkjar tal-metall.

L-EUIPO ċaħad din l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni minħabba li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma kellhiex karattru distintiv.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors ta' Ardagh Metal Beverage Holdings u tagħti deċiżjoni, għall-ewwel darba, fuq ir-reġistrazzjoni ta' trade mark ta' ħoss ippreżentata f'format awdjo. Hija tagħmel preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-karattru distintiv tat-trade marks tal-ħsejjes u tal-perċezzjoni ta' dawn it-trade marks mill-konsumaturi b'mod ġenerali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali tfakkar li **l-kriterji ta' evalwazzjoni tal-karattru distintiv¹ tat-trade marks tal-ħsejjes ma humiex differenti minn dawk applikabbli għall-kategoriji l-oħra ta' trade marks u li sinjal ta' ħoss għandu jkollu ċerta reżonanza li tippermetti lill-konsumatur ikkonċernat jipperċepih bħala trade mark u mhux bħala element ta' natura funzjonali jew bħala indikatur mingħajr karatteristika intrinsika tiegħu stess²**. B'hekk, il-konsumatur tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni għandu jkun jista', permezz tal-perċezzjoni tat-trade mark biss, mingħajr ma din tiġi kkombinata ma' elementi oħra bħal, *inter alia*, elementi verbali jew figurattivi, jew saħansitra trade mark oħra, jara rabta mal-orijini kummerċjali tagħhom.

Sussegwentement, sa fejn l-EUIPO applika b'analoġija l-ġurisprudenza³ li tipprovdi li hija biss trade mark li, b'mod sinjifikattiv, tmur lil hinn min-norma jew mill-użanzi tas-settur li ma għandhiex karattru distintiv, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li din il-ġurisprudenza ġiet żviluppata fir-rigward tat-trade marks tridimensjonali li jikkonsistu fil-forma tal-prodott innifsu jew tal-imballaġġ tiegħu, filwaqt li teżisti norma jew użanzi tas-settur li jikkonċernaw din il-forma. Issa, f'każ bħal dan, il-konsumatur ikkonċernat li huwa mdorri jara forma waħda jew iktar li jikkorrispondu għan-norma jew għall-użanzi tas-settur ma jipperċepixxix it-trade mark tridimensjonali bħala indikazzjoni tal-orijini kummerċjali tal-prodotti jekk il-forma tagħha tkun identika jew simili għall-forma jew għall-forom abitwali. Il-Qorti Ġenerali żżid li din il-ġurisprudenza ma tistabilixxix kriterji ġodda ta' evalwazzjoni tal-karattru

¹ Fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

² Sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, Globo Comunicação e Participações vs EUIPO (Trade mark awdjo) ([T-408/15](#), punti 41 u 45) ara ukoll Stqarrija Numru [93/16](#).

³ Ara b'mod partikolari s-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2004, Mag Instrument vs UASI ([C-136/02 P](#), punt 31).

distintiv ta' trade mark, iżda sempliċement tippreċiża li, fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-perċezzjoni tal-konsumatur medju ma hijiex neċessarjament l-istess fil-każ ta' trade mark tridimensjonali bħal fil-każ ta' trade mark verbali, figurattiva jew ta' ħoss, li tikkonsisti f'sinjali indipendenti mill-aspett estern jew mill-forma tal-prodotti. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali tqis li l-imsemmija ġurisprudenza dwar it-trade marks tridimensjonali ma tistax, bħala prinċipju, tiġi applikata għat-trade marks tal-ħsejjes. Madankollu, minkejja li l-EUIPO applika, b'mod żbaljat, din il-ġurisprudenza, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li dan l-iżball ma huwiex ta' natura li jivvizzja r-raġunament espost fid-deċiżjoni kkontestata li hija bbażata wkoll fuq raġuni oħra.

Fir-rigward ta' din ir-raġuni l-oħra, ibbażata fuq il-perċezzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni mill-pubbliku rilevanti bħala element funzjonali tal-prodotti inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali tosserva, minn naħa, li **l-ħoss magħmul waqt il-ftuħ ta' landa effettivament ser jitqies, fid-dawl tat-tip ta' prodotti inkwistjoni, bħala element purament tekniku u funzjonali. Fil-fatt, il-ftuħ ta' landa jew ta' flixxun huwa intrinsiku għal soluzzjoni teknika marbuta mal-manipulazzjoni tax-xarbieť sabiex dawn jiġu kkonsumati, u għalhekk tali ħoss ma jiġix ipperċepit bħala l-indikazzjoni tal-orijini kummerċjali ta' dawn il-prodotti.** Min-naħa l-oħra, il-pubbliku rilevanti immedjatament jassoċja l-ħoss tat-tfexfix tal-bżieġaq max-xarbieť. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tirrileva li **l-elementi ta' ħoss u s-silenzju ta' madwar sekonda, meħuda flimkien, ma għandhom l-ebda karatteristika intrinsika li tippermettilhom li jiġu pperċepiti minn dan il-pubbliku bħala indikazzjoni tal-orijini kummerċjali tal-prodotti.** Dawn l-elementi ma humiex reżonanti biżżejjed sabiex jiddistingwu ruħhom minn ħsejjes komparabbli fil-qasam tax-xorb. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tikkonferma l-konklużjonijiet tal-EUIPO fir-rigward tal-assenza ta' karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tiċħad il-konstatazzjoni tal-EUIPO li ma huwiex abitwali fis-swieq tax-xarbieť u tal-imballaġġ tagħhom li l-orijini kummerċjali ta' prodott tiġi indikata biss bl-għajjnuna ta' ħsejjes minħabba li dawn il-prodotti huma siekta sakemm jiġu kkonsumati. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-parti l-kbira tal-prodotti huma siekta fihom infushom, u jipproduċu ħoss biss fil-mument tal-konsum tagħhom. Għalhekk, is-sempliċi fatt li ħoss jista' jsir biss waqt il-konsum ma jfissirx li l-użu ta' ħsejjes sabiex tiġi indikata l-orijini kummerċjali ta' prodott f'suq partikolari għadu inabitwali. Il-Qorti Ġenerali madankollu tispjega li eventwali żball tal-EUIPO f'dan ir-rigward ma jwassalx għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata peress li dan ma kellux influwenza determinanti fuq id-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni.

NOTA: It-trade marks tal-Unjoni huma validi madwar l-Unjoni Ewropea u jikkoeżistu mat-trade marks nazzjonali. Applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni ta' trade marks tal-Unjoni jintbagħtu lill-EUIPO. Azzjonijiet kontra deċiżjonijiet tiegħu jistgħu jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal punti ta' liġi, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha. L-appell jitħalla jipproċedi biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti li dan iseħħ. F'dan is-sens, dan għandu jinkludi talba biex l-appell jitħalla jipproċedi, li tidentifika l-kwistjoni(jiet) imqajma mill-appell li hija/huma sinjifikanti fir-rigward tal-unità, il-konsistenza jew l-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106